20 ta' Novembru 2019
127/2019

**L-ASSEMBLEA DJOĊESANA 2019: KNISJA WAĦDA, VJAĠĠ WIEĦED**

IL-PJAN PASTORALI GĦALL-ERBA' SNIN LI ĠEJJIN

L-Arċidjoċesi ta' Malta ser tlaqqa' l-Assemblea Djoċesana bejn għada l-Ħamis 21 u l-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2019. L-Assemblea ser tkun ippreseduta mill-Arċisqof Charles J. Scicluna u ser tiltaqa' fis-Sala taċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK) f'Birkirkara.

Matul din l-Assemblea ser jiġi ppreżentat il-working document tal-Pjan Pastorali għall-Arċidjoċesi ta' Malta għas-snin 2020-2023. Il-preżentazzjoni ser issir mid-Delegat Episkopali għall-Evanġelizzazzjoni Dr Nadia Delicata.

Dan il-working document bit-tema 'Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed – Proċess ta' Dixxerniment Ekkleżjali 2020-2023' jelenka erba' prijoritajiet ewlenin għall-Knisja: li tisma', li tilqa', li takkumpanja u li toħrog bla biża' biex ixxandar l-Bxara t-Tajba. Id-dokument, li huwa ispirat mir-rakkont tad-dixxipli ta' Emmaws mill-Evanġelju ta' San Luqa, inkiteb wara konsultazzjoni wiesgħa li saret matul dawn l-aħħar xhur ma' għadd ta' persuni involuti f'diversi ħidmiet tal-Knisja u tas-soċjetà Maltija.

Fl-Assemblea, l-Arċisqof Scicluna u l-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi ser jismgħu r-reazzjonijiet għal dan id-dokument minn diversi rappreżentanti involuti direttament fil-ħidma tal-Knisja, bħala parti minn proċess ta' dixxerniment ekkleżjali (il-proċess li permezz tiegħu, imdawla mill-Ispirtu s-Santu u l-Kelma ta' Alla, il-Knisja tagħraf ir-rieda ta' Alla għal sitwazzjoni jew żmien partikolari). Ladarba jitlesta dan il-proċess, il-Pjan Pastorali jiġi ppublikat f'Jannar li ġej.

Għall-Assemblea Djoċesana huma mistiedna l-kappillani u r-rappreżentanti tal-parroċċi kollha, il-provinċjali tal-kongregazzjonijiet reliġjużi, u l-mexxejja tal-għaqdiet u l-movimenti Kattoliċi, flimken ma' delegati u persuni oħra f'kunsilli tal-Arċidjoċesi. L-Arċisqof Scicluna ser jagħlaq l-Assemblea bid-diskors tiegħu l-Ġimgħa filgħaxija.